MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2005

Avviz Numru. 243/2005

**Avviz numru 243/05DM**

**Clean Away Service Limited (Reg. No. C 9028)**

**Vs**

**Bartholomew Debono (ID 779853 M) u martu Antoinette Debono (ID 831252 M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumanija attrici talbet il-kundanna tal- konvenuti, ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, disa' mija u sitta u disghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm2,996.60) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti (i) prezz ta' 'skips' lilhom mibjugha u kkonsenjati u (ii) prezz ta' tiswija ta' 'Refuse Collection Vehicles' li sar mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tal-konvenuti, bejn Novembru, 2001, u Dicembru, 2002, skond l-'invoices' li nhargu u ntbaghtu lilhom, liema 'invoices' huma elenkati fl-anness

ma' l-Avviz Dokument 'A', oltre l-interessi kummercjali mis-7 ta' Gunju, 2003.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru li gie pprezentat kontestwalment, kontra l-konvenuti li gew ingunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma deherux biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma deheru fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni;

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qeghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' elfejn, disgha mija u sitta u disghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm2,996.60) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mis-7 ta' Gunju, 2003.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------